MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Numru. 109/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Mario Galea**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 230878(M).

Akkuzat talli:

Fis-27 ta' Frar 2008 u fil-gimghat u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, ai termini tal-

artikoli 42(a),(b),(d) u 185(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali fejn dawn il-proceduri setghu jinstemghu b’mod sommarju u l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha pprezentati tul il-proceduri ta’ dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat odjern huwa mixli illi huwa rrenda ruhu komplici f’xi hin fl-otteniment ta’ licenzja tas-sewqan, u li ghamel uzu illegali minn dan id-dokument, kif ukoll li

ghamel dikjarazzjoni falza u halef il-falz quddiem persuna responsabbli li taghti guramenti.

Illi zewg dokumenti huma importanti f'dan il-kaz, min-naha 'l wahda hija l-istqarrija tal-imputat; li nghatat wara d-debita twissija skont il-ligi u wara li l-imputat inghata l-fakultà li jikkonsulta avukat; u min-naha l-ohra hija x-xhieda tar-rapprezentant tat-Transport Malta u cioe` Brian Farrugia.

Illi Brian Farrugia xehed illi sa dak iz-zmien meta bdew il-proceduri odjerni, l-imputat kellu licenzja bil-kategorija B, C u C + E li dawn it-tnejn tal-ahhar gew inseriti fis-sistema tal-Awtorita` fil-25 ta' Frar 2008. Dawn gew imnehhija fl-2010 peress illi applikazzjoni ghall-otteniment ta' din il-kategorija ma kienitx tezisti fis-sistema kif ukoll ma kienx hemm xi hjiel li l-imputat seta' ghamel l-ezami tal-prattika jew tat-teorija. Illi dak li nstab kienet applikazzjoni tat-18 ta' April 2006, ghal kategorija C li din skadiet minhabba l-fatt li ma baqghetx tigi segwita.

Illi minn naha l-ohra l-imputat iddikjara fl-istqarrija tieghu li giet immarkata bhala Dok MC9, illi ghall-kategoriji C u C+E huwa qatt ma applika u jispjega illi meta fl-2006 gie biex igedded il-licenzja tas-sewqan tieghu sab dawn il-kategoriji inseriti minghajr ma biss talabhom. Ikompli jghid illi huwa qatt ma kellu bzonnhom dawn il-kategoriji ghaliex hu kien jahdem Londra dak iz-zmien. Huwa jinnega totalment illi la hallas lil xi hadd biex jipprokuralu dawn il-kategoriji u wisq anqas illi ha gurament falz. Pero` fuq mistoqsija tal-prosekutur huwa kkonferma wkoll illi qatt ma informa lil xi hadd mill-ADT dak iz-zmien illi dawn il-kategoriji gew inseriti bi zball.

Illi minn ezami ta' dawn iz-zewg provi jirrizulta illi minn imkien ma hareg illi l-imputat kellu xi tip ta' kolluzjoni ma' xi persuna ohra sabiex tipprokuralu dawn il-kategoriji izda l-verzjoni tieghu dejjem kienet illi dawn gew bi zball u li hu ma xahham lil hadd. Illi ghalhekk l-addebitu tal-komplicita` ma giex ippruvat.

Illi ulterjorment u a rigward l-akkuza, tal-gurament falz, telghet l-iskrivana Mandy Gauci illi allegatament meliet il-formola tal-affidavit (Dok MC 4) li ddikjarat illi taghzel li ma tixhidx biex ma tikriminax ruhha u ghalhekk zgur din l-akkuza a bazi tal-Art 108 u 109 tal-Kap. 9 ma giet ippruvata fil-grad li trid il-ligi. Illi ghaldaqstant u konsegwentement l-akkuza ta' stqarrija falza ma gietx ugwalment ippruvata minn imkien fl-atti.

Illi mhux l-istess jinghad ghall-akkuza taht l-Art 185 u 186 tal-Kap. 9. Illi hareg ukoll illi ghalkemm ma giex ippruvat illi l-imputat kellu xi rwol fl-otteniment tal-kategoriji C u C + E, madankollu huwa meta nduna b'dawn il-kategoriji qatt ma mar jirraporta dan il-fatt illi xi ufficjal tal-ADT u ghalhekk dan in-nuqqas kien intenzjonali ghaliex hu kien illi li nduna mis-sena 2006 u ghalkemm huwa jghid li qatt ma kellu bzonnhom, is-semplici koxxjenza li l-imputat kellu dawn il-kategoriji b'mod mhux lecitu jaghmlu hati ta' din l-akkuza.

Illi in kwantu ghall-addebitu tar-recidiva skont l-Art 49 u 50 tal-Kap. 9, ma gewx esebiti s-sentenzi li l-imputat gie akkuzat bihom u ghalhekk din l-addebitu ma gietx mill-partijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Art 49, 50, 42, 185, 186, 188 u 108 u 109 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat Mario Galea hati biss tat-tieni akkuza u cioe` taht l-Art 185 u 186 tal-Kap. 9 li bl-applikazzjoni tal-Art 22 tal-446 qeghda tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq f'nuqqas ta' provi.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------